PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għas-Sajd*

**2012/2323(INI)**

10.9.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar segwitu dwar id-Delega ta' Setgħat Leġiżlattivi u l-Kontroll mill-Istati Membri tal-Eżerċizzju tas-Setgħat ta' Implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni
(2012/2323(INI))

Rapporteur: Antolín Sánchez Presedo

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-għażla tal-istrument legali korrett (att leġiżlattiv, att delegat jew att ta' implimentazzjoni) mhijiex biss kwistjoni teknika; jindika li fil-fatt hija importanti ħafna biex jiġi żgurat li l-leġiżlatura tassumi responsabilità sħiħa fir-rigward tal-elementi essenzjali u l-iskrutinju effettiv tad-deċiżjonijiet politiċi; jindika li jista' jkun importanti ħafna anke għall-bilanċ tas-setgħa, il-korrettezza u l-funzjonament xieraq tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-infurzar tal-politiki, bħalma hi l-politika komuni tas-sajd, li dawn l-istrumenti varji jintużaw b'mod li jikkonforma mal-kriterji stipulati fit-Trattat; jenfasizza li l-Parlament Ewropew għandu għaldaqstant jagħti attenzjoni partikolari lil dawn l-aspetti;

2. Jindika l-importanza tal-approċċ koerenti meħud fi ħdan il-Parlament Ewropew mill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-għażla ta' strument legali u l-metodi ta' skrutinju; f'dan ir-rigward, iqis li dan il-proċess għandu jintuża u jkompli jiġi żviluppat aktar biex inkomplu nibnu fuq l-acquis eżistenti, għall-faċilitazzjoni tal-koordinament u għall-organizzazzjoni tas-segwitu;

3. Jipproponi li f'kull kumitat parlamentari, il-President, wieħed mill-Viċi Presidenti jew Membru relevanti għandhom ikunu inkarigati li jappoġġaw lill-Membri u jiżguraw koerenza fir-rigward tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni b'koordinament mal-kumitati l-oħra; jindika li r-rapporteur għall-att bażiku għandu b'mod awtomatiku jkun ir-rapporteur għas-segwitu tiegħu, u għandu jirrapporta perjodikament lill-kumitat; jindika wkoll li tinħtieġ organizzazzjoni funzjonali fi ħdan is-segretarjati biex l-iskrutinju jkun effikaċi, u jirrakkomanda li jiġi inkluż punt dwar is-segwitu tal-atti delegati fl-aġenda tal-kumitati parlamentari;

4. Jenfasizza li l-iskrutinju huwa essenzjali għax jippermetti lill-Parlament jiddefinixxi kriterji predeterminati li jekk jiġu sodisfatti, jeliminaw il-possibilità li joġġezzjona dwar att delegat;

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel il-pubblikazzjoni tal-atti tagħha iktar trasparenti, biex tiffaċilita l-aċċessibilità tagħhom kemm għall-Parlament kif ukoll għaċ-ċittadini Ewropej; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni Ewropea toħloq għodda tal-bl-għan li tinħoloq bażi tad-data fejn l-atti jkunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod li jiffavorixxi l-iskrutinju demokratiku;

6. Jiddeplora l-fatt li, fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, bħal f'oqsma oħra fejn il-proċedura ta' kodeċiżjoni ma kinitx ġiet introdotta qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat attwali u l-Proċedura Regolatorja bi Skrutinju ma ntużatx preċedentement, il-proċess tal-allinjament ta' leġiżlazzjoni ta' qabel it-Trattat ta' Lisbona mal-qafas legali l-ġdid li jinkludi fih atti leġiżlattivi, atti delegati u atti ta' implimentazzjoni qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet konsiderevoli li jwasslu għal dewmien importanti u li jistgħu jitħallsu d-danni għalih, u qiegħed saħansitra jistaġna, u b'hekk jipperikola l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa u urġenti għas-settur tas-sajd - sikwit minħabba n-nuqqas ta' rieda min-

naħa tal-Kunsill li jirrikonoxxi u jagħmel użu effettiv tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE;

7. Jenfasizza li l-allinjament tal-politika dwar is-sajd mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona m'għandux iwassal biex il-Kummissjoni tagħti lilha nnifisha kompetenzi addizzjonali meta mqabbla ma' dawk previsti f'dan it-Trattat; ifakkar f'dan ir-rigward li l-mandati tal-Kummissjoni biex taġixxi fuq l-atti delegati mhumiex maħsuba biex ikunu "illimitati", iżda għandhom jiġu limitati fiż-żmien permezz ta' konvenzjoni, (ir-regola hija delega ta' tliet snin);

8. Jemmen li l-proċess ta' allinjament tal-leġiżlazzjoni dwar is-sajd u leġiżlazzjoni relatata ta' qabel it-Trattat ta' Lisbona mal-qafas legali l-ġdid għandu jiġi konkluż għalkollox waqt it-terminu parlamentari attwali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinvolvu rwieħhom f'negozjati ulterjuri mal-Parlament sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-użu tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, u s-segwitu tagħhom, b'mod partikolari demarkazzjoni fattibbli bejn atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, possibilment b'eżempji speċifiċi u inkontestabbli ta' setgħat li huma klassifikati bħala leġiżlattivi, delegati jew ta' implimentazzjoni;

10. Ifakkar fl-importanza tad-delega ta' kompetenzi ta' eżekuzzjoni lill-Kummissjoni f'ċerti oqsma politiċi biex tiġi evitata l-mikroġestjoni u proċedura ta' kodeċiżjoni diffiċli u twila;

11. Jenfasizza li l-għażla ta' strument għandha konsegwenzi wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tas-segwitu tal-kompetenza delegata; jappoġġa, għalhekk, il-pożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti li tirrakkomanda l-użu tal-atti delegati f'każijiet fejn l-għażla ta' għoti skont ir-regoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma tkunx ċara;

12. Huwa tal-fehma li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri jitilfu l-kredibilità f'għajnejn iċ-ċittadini tal-UE jekk politiki importanti ma jkunux jistgħu jiġu introdotti għaliex iż-żewġ istituzzjonijiet ma jirnexxielhomx jilħqu ftehim bejniethom dwar il-proċedura amministrattiva li għandha tintuża;

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 5.9.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Dolores García-Hierro Caraballo, Marek Józef Gróbarczyk, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzio Rivellini, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean Louis Cottigny, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, Jens Nilsson, Nikolaos Salavrakos |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Kozłowski |